MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. PADOVANI JACQUELINE LL.D.

Seduta ta' 01 ta' Novembru, 2002

Numru 269/1999

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
SPETTUR STEPHEN GATT
VS
JASON ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jason Zammit ta’ 23 sena bin emanuel u Mary nee formosa, imwieled Pieta fid-19 ta’ Novembru 1975 u li joqghod Block B2, Flat 6, Triq id-Duluri, Qasam Bini tal-Gvern Pieta detentur tal-karta tal-identita numru 537375M talli fi triq it-Torri, Sliema fid-9 t’April 1999 ghal habta ta’ l-10 ta’ filghaxija saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAL 815 ta’ l-ghamla VolksWagen Golf b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Jennifer Pithie ta’ nazzjonalita Belgjana.

Talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAL 815 ta' l-ghamla Volks Wagen Golf b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuagni, jre b'nuqqas ta' hila fl-arti jre professjoni tieghu, jre b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Michael Pithie ta' nazzjonalita Skocciza skond kif iccertifika Dr Dennis Vella Baldacchinota' l-isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAL 815 ta' l-ghamla Volkswagen Golf b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jre b'nuqqas ta' hila fl-arti jre professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ingrid Pithie nee Wernaers ta' nazzjonalita Belgjana skond kif iccertifika Dr Dennis Vella Baldacchino ta' l-Isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera traskurata.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-sitess vettura b'manjiera bla kont.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-sitess vettura b'sewqan aktar milli jmissu.

Talli fl-istes data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jsuq l-istess vettura u riesaq lejn Pedestrian Crossing naqas milli jnaqqas l-ispeed u jieqaf waqt li kienet qed titntuza mill-pubbliku.

Talli meta kien involut f'incident tat-traffiku naqas li jieqaf u jaghti l-partikolaritajiet tieghu, tal-vettura u tas-sid taghha meta kien mehtieg.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li instab hati b'sentenza moghtija mill-Qrati tal-

Magistrati ta’ Malta (Awla 14) datata 18 ta’ Marzu 1997, liema sentenza saret definittiva.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-28 ta’ Frar 2001 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi fid-9 t’April 1999 il-pulizija gew infurmati illi kien sar traffic accident ikrah fi Triq it-Torri Sliema, ftit il-quddiem mid-Diplomat Hotel. Infatti PS500 Giusti kien acceda fuq il-post fejn sab lil tfajla ta’ erbatax il-sena, Jennifer Pithie, flimkien mal-genituri taghha kienu ghadhom gew milquta min karozza waqt li dawn kienu qed jaqsmu fuq iz-zebra crossing.

Illi t-tfajla Jennifer Pithie kienet iddahlet l-isptar San Luqa f’periklu iminenti tal-mewt u fil-fatt mietet l-isptar ftit wara.

Skond xhieda okkulari il-karozza kieent ta’ kulur Maroon bin-numru ta-registrazzjoni AAL 815.

L-istess xhieda okkulari stqarrew mal-pulizija illi it-tfajla ittajret fl-arja bid-daqqa tant illi hasibha “basket qed jdur fl-arja”.

Illi l-pulizija irnexxielhom jintralcjaw lil sid il-karozza u cioe Kevin Zammit li pero irrizulta illi ma kellux pussess ta’ din il-karozza fil-hin tal-incident.

Illi l-pulizija imbaghad bdew jinvestigaw lill-imputat illi ma sabuhx id-dar u li kien halla il-karozza tieghu go garaxx fil-Marsa. Il-pulizija accedew f'dan il-garage u l-karozza giet mehuda fid-Depot tal-pulizija.

Fuq l-istess karozza instabu diversi daqqiet fuq il-gemb tal-mudguard u sabu illi kellha il-windsreen imkisser.

Illi gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa, bdiet inkjest u gew nominati diversi esperti li gew ikkonfermati minn din il-Qorti.

Jennifer Pithie mietet fl-10 t'April 1999 fis-6.25am.

L-esperti nominati esebew u kkonfermaw ir-relazzjoni minnhom imhejjija.

Illi mill-analizi ta' Dr Michael Sammut, espert tat-tossikologija (Dok MS a fol 213 u 214), jirrizulta illi l-urina tal-imputat instabet id-droga morfina kif wkoll il-methabolite intermedjarju bejn l-eroina u l-morfina **Monoacetyl Morphine**. Dan jikkonferma l-abbuz ta' eroina ftit sieghat qabel ma ttiehet il-kampjun tal-urina. Il-kampjuni ta' urina u tad-demm tal-imputat gew mehuda min Dr Mario Scerri

Illi mir-rakkont tan-nies illi raw b'ghajnejhom dan l-incident awtomobilistiku jizvolgi quddiem ghajnejhom jaghtu testimonjanza illi tqabdek il-bard. Hekk per ezempju George Pace jiddikjara li hu kien ghaddew go Tower Road, gej mid-direzzjoni ta' Sliema Centre sejjer lejn San Giljan, u meta waslu hdejn il-Coffee Shop tad-Diplomat Hotel ra il-karozza ta' quddiemu tieqaf maz-Zebra Crossing. Hu waqqaf il-karozza tieghu u raw illi grupp ta' nies kienu qed jaqsmu fuq l-istess zebra crossing.

George Pace xehed illi ra id-dawl bright taz-zebra crossing mixghul u f'daqqas wahda lemah il-head lights tal-karozza gejja mid-direzzjoni opposta bi speed qawwi, b'mod li f'mohhu qal "Dan mhemmx cans li jieqaf" u fil-fatt "laqat tifla li gholiet u spicca quddiemi"……."Brake marks

ma smajtx qabel id-daqqa, biss wara u il-vettura isslowjat ftit, tbanlet wahda hdejja u telqet bi speed gholi”.

Pace jghid illi l-karozza kienet Golfs ta’ kulur Wine skur u li din il-karozza “ghadda min ma gembi qiesu vlegga”…….”it-tifla li ttajret kellha rasha hdejn id-Diplomat u saqajha lejn il-bahar. It-tifla hsiebtha xi hand bag, qatt ma issoponejt illi kienet persuna, taret fl-ajru, kienet qiesha pupa tac-carruta”

Xehed illi l-kundizzjoni tat-triq kieent tajba. La kien hemm xita, rih jew nida.  Id-dawl tat-triq kien mixghul.

Xehed illi il-grupp ta’ turisti illi kienu qasmu kient kwazi waslu fin-nofs tat-triq u l-persuna li intlaqtet kienet ftit aktar lura minnhom.

Philip Incorvaja xehed u kkonferma din it-testimonjanza vivida tal-incident u xehed is-segwenti:
“Kien hemm dawl tajjeb tat-triq u tal-karozzi, iz-zebra crossing rajtha cara. Huma bdew jaqsmu it-tlieta flimkien. Rajt karozza gejja mid-direzzjoni opposta. Il-persuni kienu flimkien izda t-tifla kieent kemm xejn warajhom. Il-vettura illi giet mid-direzzjoni opposta giet qiesha vlegga u laqtet lit-tifla li taret u l-ohrajn waqghu mal-art. It-tifla misset kemm kemm il-karozza tieghi u spiccat warajja”

Xehed wkoll illi t-temp kien sabih u l-art ma kenitx imxarrba.

Fir-rakkont pjetuz ta’ Michael Pithie, dan jghid illi l-imputat kien ghaddej bi speed certament aktar qawwi min 60 kilometru fis-siegha. Xehed illi din il-karozza ma waqfet xejn u li l-karozza baqghet tigi misjuqa fid-direzzjoni ta’ Tas-Sliema.

Xehed illi meta huma kienu qed jaqsmu it-triq huwa accerta ruhu li ma kienx hemm karozza u beda jaqsam  u jaf illi Jennifer kienet naqra aktar distakkata minnhom li imbaghad jaf illi hu u martu spiccaw mal-art. “I crying for ma life was asking Where is Jennifer? Where is Jennifer? And I couldn’t spot her. The onlookers made a remark and

also my wife that Jennifer was lying on the other side of the road in a pool of blood.”

Joseph Zammit fir-rapport tieghu iddikjara illi l-karozza li biha twettaq l-incident ma kellha ebda hsarat jew difetti fis-sistema taghha u li kollox kien funzjonabbli eskluz ta’ fanal tad-dawl ta’ quddiem tal-lemin li tkisser fl-incident.

Hu ikkonferma illi miz-Zebra crossing lura lejn San Giljan instabu brake marks grassi ta’ tul ta’ 30 metru maghmula mill-istess Volks Wagen Golf.

Il-Qorti rat il-verbal maghmul mid-difiza fejn ezentat lill-prosekuzzjoni mill-prova tal-identita u accettat is-sentenzi esebiti bhala sentenzi akkordati lill-imputat mill-Qrati kompetenti.

Mir-relazzjoni ta’ Dr Mario Scerri jirrizultaw mhux biss il-griehi fuq it-tfajla Jennifer Pithie izda wkoll id-diversi griehi illi sofra Michael Pithie f’dan l-incident.

Illi l-imputat min-naha tieghu xehed illi huwa kien ghaddej bi speed normali qiesu xi 50 kilomtru u f’daqqa wahda “rajt xi haga hierga… xi hadd qed jaqsam, u habat mal-windscrren u waqaft jien. Kif waqaft, bzajt, u soqt”

Illi ghal bqija tat-testimonjanza tieghu l-imputat f’nifs wiehed jghid illi kien ghaddej b’60 kilometru, f’nifs iehor jammetti illi setghu kienu mili u aktar tard jghid illi speed gholi ghalih huwa 90mph u imkien iehor jghid illi seta kien ghaddej b’70mph.

Illi ghalkemm jghid illi kien drug addict fuq id-droga eroina, xehed illi dak iz-zmien ma kienx qed jiehu droga ghax kien qed jipprova jnaqqas u ghaldaqstant ma kienx qed jiehu id-droga kuljum.

Xehed illi kien ilu fuq id-drogi tlett snin u li kien jmur wkoll id-Detox. Jinnega illi kien qieghed fuq id-droga eroina meta kien qed jsuq u jghid illi din ikkonsma wara l-incident bil-qata li kellu.

Illi l-imputat ftit qabel l-istadju tal-provi tad-difiza wera ix-xewqa tieghu li jibda programm residenzjali kontra d-droga izda wara ftit xhur telaq minn dan il-programm minghajr ma spiccah.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-kumpless tax-xhieda jirrizulta pprovat minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-imputat kien ghaddej f'Tower Road, Sliema fid-data, u hin citat bi speed ferm aktar min dak permess f'zona urbana ta' limitu ta' 25mph. Kien ghaddej bi speed ferm aktar milli jmissu meta huwa beda javvicina iz-zebra crossing.

Ix-xhieda ta' Pace u Incorvaja juru bic-car illi l-imputat kien ghaddej fuq zebra crossin bi speed in excess of 70mph f'kundizzjonijiet tajbin tas-sewqan fejn id-dawl tat-triq u d-dawl taz-zebra crossing kienu mixughlin.

L-imputat irnexxielu jtajjar familja intiera u joqtol tfajla ta' erbatax il-sena illi taret fl-arja qiesa pupa tac-carruta.

Illi mir-rizultanzi ta' Dr Michael Sammut, espert tat-tossikologija, jidher bic-car illi l-imputat kien ikkonsma id-droga eroina ftit qabel. Illi l-agir tal-imputat, l-ispeed li bih kien ghaddej, il-manjiera li biha assikura lill-Qorti illi ma rax familja intiera taqsam fuq zebra crossing, f'parti tat-triq fejn ma hemm xejn illi jistakola il-vizwali, juri bic-car illi l-imputat meta kien qed jsuq kien that l-influwenza tad-droga eroina.

Il-manjiera irresponsabbli u perikoluza li biha kien qed jsuq u il-mod inkoxjenti li bih l-anqas indenja ruhu jieqaf ha jara x'gara min din il-familja illi frakassa wkoll turi bic-car illi l-imputat ma kienx f'sensieh izda kien qed jsuq taht l-influwenza .tad-drogi.

Illi l-imputat fil-mori tal-kawza ipprova jipperswadi lill-Qorti illi huwa kien qed jipprova jirriforma ruhu. Illi din il-Qorti tat l-opportunita lill-imputat biex jaghmel dan u riedet issegwi il-progress o meno tieghu.

Illi l-imputat falla mizerjament u isplittja il-programm. Illi jidher bic-car illi d-dirigenti taw cans anke li dan jerga jintegra ruhu fil-programm izda l-anqas dan ma irnexxa.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 225, 226©, 17B, 39, 50, 31, 30, 20, 533 tal-kap 9, art 15(1)(a)(ii)(iii), 18(1)(I)(ii), l-ewwel kolonna tat-tieni Skeda tal-kap 65, Avviz Legali 128 tan-1994, Art 8(1)(2)(3), 22(1) tal-kap 104 u tikkundannah ghal sentejn prigunerija u ghal multa ta’ Lm2000 u tissospendi il-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal perjodu ta’ ghaxar snin u tikkundannah jhallas l-ispejjez kollha inkorsi fil-perizji ordnati f’dawn il-kaz. .

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.